SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

21 ta' Ġunju 2007 *

Fil-kawża C-424/05 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fid-29 ta' Novembru 2005,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn H. Kraemer u M. Velardo, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Sonja Hosman-Chevalier, irrappreżentata minn J.-R. García-Gallardo Gil-Fournier, A. Sayagués Torres u D. Dominguez Pérez, abogados,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President ta' l-Awla, A. Tizzano, J. Malenovský (Relatur), U. Lõhmus u A. Ó Caoimh, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: B. Fülöp, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Settembru 2006,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-13 ta' Settembru 2005, Hosman-Chevalier vs Il-Kummissjoni (T-72/04, Ġabra p. II-3265, iktar 'il quddiem is-"sentenza kkontestata"), li annullat id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-8 ta' April u tad-29 ta' Ottubru 2003 li jiċħdu lil S. Hosman-Chevalier il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni kif ukoll il-benefiċċju għall-istallazzjoni.

Il-kuntest ġuridiku

2 L-Artikolu 69 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti"), fil-verżjoni tagħhom applikabbli għall-kawża preżenti, jipprovdi li l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni għandu jkun 16% tat-total tas-salarju bażiku, l-allowance tal-familja, u l-allowance tat-tfal dipendenti li għalihom huwa intitolat l-uffiċjal.

3 L-Artikolu 4(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti jipprovdi li l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni jingħata:

"a) lill-uffiċjali:

— li m'humiex u qatt ma kienu ċittadini ta' l-Istat li [fit-]territorju tiegħu qiegħed il-post fejn huma impjegati

u

— li matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel daħlu fis-servizz ma kienux jgħixu jew iwettqu l-okkupazzjoni ewlenija tagħhom ġewwa t-territorju Ewropej ta' dak l-Istat. Għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni, iċ-ċirkustanzi li jinħolqu minn xogħol li sar [lgħal] Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali ma jkunux ikkunsidrati;

b) għall-uffiċjali li huma jew kienu ċittadini ta' l-Istat li fit-territorju jinsab il-post fejn huma impjegati iżda li matul l-għaxar snin li jispiċċaw fid-data ta' meta daħlu fis-servizz jgħixu barra t-territorju Ewropew ta' dak l-Istat għal raġunijiet minbarra l-qadi tad-dmirijiet fis-servizz ta' Stat jew ta' organizzazzjoni internazzjonali.

[...]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

4 Il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet sinteżi tal-fatti li wasslu għall-kawża fil-punti 4 sa 10 tas-sentenza kkontestata:

"4. Ir-rikorrenti, ta' nazzjonalità Awstrijaka, studjat u ħadmet fl-Awstrija sa l-14 ta' Mejju 1995. Mill-15 ta' Mejju 1995 sas-17 ta' Marzu 1996, hija ħadmet fil-Belġu għall-Verbindungsbüro tal-Länder tat-Tirol, l-uffiċċju tal-Länder tat-Tirol, li jinsab fi Brussell.

5. Mit-18 ta' Marzu 1996 sal-15 ta' Novembru 2002, ir-rikorrenti għamlet parti mill-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija fl-Unjoni Ewropea fi Brussell. F'din il-kwalità, hija eżerċitat l-attività tagħha, l-ewwel, għall-Verbindungstelle der Bundesländer (iktar 'il quddiem il-"VB"), l-

uffiċċju ta' kuntatt tal-Länder u wara, għall-Österreichischer Gewerkschaftsbund (iktar 'il quddiem l-"OGB"), il-Federazzjoni tas-sindakati Awstrijaċi.

6. Fis-16 ta' Novembru 2002, ir-rikorrenti daħlet fil-kariga tagħha mal-Kummissjoni bħala uffiċjal. Il-perijodu ta' ħames snin imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, fir-rigward tal-benefiċċju tal-pagament ta' espatrijazzjoni, imsejjaħ il-"perijodu ta' riferiment", ġie ffissat bejn is-16 ta' Mejju 1997 u l-15 ta' Mejju 2002.

7. B'nota tat-8 ta' April 2003, ir-rikorrenti ġiet informata mid-Direttorat Ġenerali (DG) ta' l-Amministrazzjoni u tal-Persunal tal-Kummissjoni li l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni ma setax jingħatalha.

8. Fis-7 ta' Lulju 2003, ir-rikorrenti ppreżentat ilment, skond l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti, kontra n-nota tat-8 ta' April 2003. Hija ppreżentat żewġ annessi għal dan l-ilment b'posta elettronika ta' l-14 ta' Awwissu 2003 u b'fax tal-11 ta' Settembru 2003.

9. B'nota tad-29 ta' Ottubru 2003, li r-rikorrenti saret taf biha fit-3 ta' Novembru 2003, l-Awtorità tal-Ħatra (iktar 'il quddiem l-"AIPN" ċaħdet l-ilment tar-rikorrenti.

10. Minn din id-deċiżjoni jirriżulta li l-pagament ta' espatrijazzjoni u l-pagamenti relatati miegħu ġew irrifjutati lir-rikorrenti prinċipalment minħabba li l-attivitajiet professjonali li hija kienet eżerċitat fi Brussell matul il-perijodu ta'

riferiment ma setgħux jitqiesu li kienu "[xogħol li sar għal] Stat ieħor" fis-sens ta' l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti. L-AIPN qieset li, anki jekk kien minnu li l-VB kien jinsab fil-bini tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, huwa kien jikkostitwixxi madankollu entità awtonoma distinta, li toħroġ mil-Länder u li hija inkarigata tiddefendi l-interessi tagħhom u mhux dawk tal-Bund (Stat federali). Għal dak li jirrigwarda l-OGB, id-dokumenti ppreżentati mir-rikorrenti u, b'mod partikolari, il-kuntratt ta' xogħol tagħha, ma jsemmu l-ebda rabta mar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-raġuni għalfejn lanqas ix-xogħol imwettaq għall-OGB ma seta' jiġi assimilat ma[x-xogħol li sar] għal dan l-Istat."

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza kkontestata

5 B'att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-20 ta' Frar 2004, S. Hosman-Chevalier ippreżentat dan ir-rikors li bih titlob l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2003 li tiċħadilha l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni kif ukoll benefiċċji relatati miegħu.

6 Bis-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li r-rikors mhuwiex intiż biss għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2003, iżda wkoll għall-annullament ta' dik tat-8 ta' April 2003. Dawn id-deċiżjonijiet ġew annullati mill-Qorti tal-Prim'Istanza.

7 Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza laqgħat it-tieni motiv imressaq minn S. Hosman-Chevalier ibbażat fuq il-ksur ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

8 Skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, il-kwistjoni li tqum hija li jiġi ddeterminat jekk is-servizzi pprovduti minn S. Hosman-Chevalier fir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija matul il-perijodu ta' riferiment, għandhomx jitqiesu li huma xogħol li sar għal Stat, fis-sens ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti. Barra minn dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza speċifikat li l-kunċett ta' "Stat", li jirreferi għalih dan l-Artikolu, jirreferi biss għall-Istat bħala persuna legali u bħala suġġett komuni ta' dritt internazzjonali kif ukoll l-organizzazzjonijiet tiegħu.

9 L-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza enfasizzat, fil-punt 30 tas-sentenza kkontestata, li mhuwiex ikkontestat li s-servizzi pprovduti għall-organizzazzjonijiet, bħar-rappreżentanza permanenti ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea jew l-ambaxxati ta' Stat, jitqiesu li huma xogħol li sar għal Stat, fis-sens ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

10 Fil-punti 31 sa 36 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat diversi elementi li wassluha biex tikkonstata li S. Hosman-Chevalier kienet membru tal-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, li hija kienet suġġetta għall-awtorità ġerarkika ta' l-ambaxxatur, rappreżentant permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija fl-Unjoni Ewropea, u li l-istatus tagħha kien l-istess bħal dak ta' uffiċjali oħra assenjati fl-imsemmija rappreżentanza.

11 Minn dan il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet li s-servizzi li S. Hosman-Chevalier ipprovdiet lir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, matul il-perijodu ta' riferiment, għandhom jitqiesu li huma xogħol li sar għal Stat.

12 Wara, fil-punti 38 sa 41 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza warrbet l-argumenti tal-Kummissjoni li jgħidu li S. Hosman-Chevalier, għalkemm ħadmet fir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ma kinitx qed tagħmel dan għal dan l-Istat Membru, iżda għall-VB u l-OGB, li huma organizzazzjonijiet li m'għandhomx bħala funzjoni d-difiża ta' l-interessi ta' l-Istat.

13 Mill-banda l-oħra, fil-punt 42 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza għarfet li huwa biżżejjed li persuna teżerċita l-attività professjonali tagħha għal organizzazzjoni li tagħmel parti mill-Istat fis-sens imsemmi, bħal rappreżentanza permanenti, sabiex hija tkun kollha kemm hi inkluża fl-eċċezzjoni pprovduta fl-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, indipendentement mill-funzjonijiet partikolari u speċifiċi eżerċitati minnha ġewwa l-imsemmija organizzazzjoni. Kieku kien ikun mod ieħor, kien ikun hemm lok li wieħed iwettaq analiżi dettaljata tax-xogħol imwettaq u l-funzjonijiet eżerċitati mill-perspettiva tad-dritt intern, fatt li jmur kontra l-eżiġenzi ta' l-applikazzjoni uniformi tad-dritt Komunitarju u tal-prinċipju ta' ugwaljanza. U dan, iktar u iktar billi huwa esklużivament kull Stat Membru li għandu jorganizza d-dipartimenti tiegħu kif iqis li huwa l-iktar konvenjenti u li jistabbilixxi b'hekk l-għanijiet u l-funzjonijiet li huwa jassenja lill-uffiċjali u l-ħaddiema tiegħu.

14 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet li S. Hosman-Chevalier tissodisfa l-kundizzjonijiet ipprovduti mill-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, li jippermettulha tibbenifika mill-benefiċċju ta' espatrijazzjoni.

15 Fil-punt 51 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li, peress li l-benefiċċju għall-istallazzjoni stabbilit fl-Artikolu 5(1) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti huwa dovut lill-uffiċjal li jissodisfa l-kundizzjonijiet sabiex jibbenefika mill-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, S. Hosman-Chevalier għandha dritt titlob għal dan il-benefiċċju għall-istallazzjoni. Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet li hija ma kinitx intitolata għall-benefiċċju ta' l-għajxien ta' kuljum għar-raġunijiet esposti fil-punt 52 tas-sentenza kkontestata.

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

16 F'dan l-appell, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza kkontestata u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza;

— tikkundanna lil S. Hosman-Chevalier tbati l-ispejjeż ta' l-istanza, kif ukoll l-ispejjeż tagħha fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

17 S. Hosman-Chevalier titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala manifestament inammissibbli, jew sussidjarjament, bħala infondat;

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż taż-żewġt istanzi.

Fuq l-appell

L-argumenti tal-partijiet

18 Permezz tal-motiv waħdieni tagħha, il-Kummissjoni tilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball fid-dritt fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, dwar l-għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, meta interpretat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor" li jirreferu għalih dawn id-dispożizzjonijiet.

19 Jirriżulta minn serje ta' elementi ta' fatt, meħuda in kunsiderazzjoni fil-punti 31 sa 36 tas-sentenza kkontestata, li l-Qorti tal-Prim'Istanza, b'mod żbaljat ikkunsidrat li kien biżżejjed, sabiex il-kundizzjoni dwar is-servizzi mwettqa għal Stat ieħor tiġi sodisfatta, li l-persuna kkonċernata tiġi integrata fil-kuntest funzjonali u/jew organizzattiv ta' organizzazzjoni ta' l-Istat, bħal rappreżentanza permanenti għall-Unjoni Ewropea.

20 Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni tqis li din il-kundizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li teżiġi rabta ġuridika diretta bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat in kwistjoni, rabta li ma tistax tiġi kkostitwita biss mill-integrazzjoni tal-persuni kkonċernati fil-kuntest imsemmi.

21 Skond il-Kummissjoni, id-deroga prevista fit-tieni sentenza tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, li l-uffiċjali msemmija għandhom dritt għall-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, huwa ġġustifikat sa fejn dawn ta' l-aħħar ma jistgħux jitqiesu li għandhom rabtiet fit-tul mal-pajjiż ta' servizz (sentenza tat-2 ta' Mejju 1985, De Angelis vs Il-Kummissjoni, 246/83, Ġabra p. 1253, punt 13). Din ir-

ratio legis tippreżupponi preċiżament li l-persuna kkonċernata tkun direttament marbuta ma' Stat ieħor, jew ma' organizzazzjoni internazzjonali, permezz ta' relazzjoni regolamentari u/jew kuntrattwali. Fil-fatt, relazzjoni bħal din biss tista' timplika d-dritt għall-Istat l-ieħor, jew l-organizzazzjoni internazzjonali, li jeżiġu minn din il-persuna t-twettiq tas-servizzi tagħha, matul perijodu limitat, fit-territorju ta' l-Istat li fih jinsab il-post fejn irid jipprovdi servizzi ulterjuri (iktar 'il quddiem, il-"pajjiż ta' servizz") bħala uffiċjal tal-Komunitajiet Ewropej.

22 Il-Kummissjoni tfakkar li d-dispożizzjoni tat-tieni sentenza tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti tikkostitwixxi eċċezzjoni għall-kundizzjonijiet ta' għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni u għalhekk għandha, għal dan il-għan, tiġi interpretata b'mod restrittiv. Barra minn dan, billi din hija dispożizzjoni li tirregola benefiċċju finanzjarju, din l-interpretazzjoni hija waħda tajba (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Mejju 1982, BayWa *et*, 146/81, 192/81 u 193/81, Ġabra p. 1503, punt 10, kif ukoll tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Marzu 1990, Schwedler vs Il-Parlament, T-41/89, Ġabra p. II-79, punt 23, ikkonfermata fl-appell bis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Novembru 1991, Schwedler vs Il-Parlament, C-132/90 P, Ġabra p. I-5745).

23 Barra minn dan, l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 31 sa 36 u 42 tas-sentenza kkontestata, tat-tieni sentenza tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, titbiegħed mill-ġurisprudenza tagħha li rabta ġuridika diretta ma' l-Istat hija mitluba (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' Ġunju 2005, Olesen vs Il-Kummissjoni, T-190/03, GabraFP p. I-A-181 u II-805, punti 49 sa 51; tal-25 ta' Ottubru 2005, Salvador García vs Il-Kummissjoni, T-205/02, ĠabraFP p. I-A-285 u II-1311, punt 55; Salazar Brier vs Il-Kummissjoni, T-83/03, ĠabraFP p. I-A-311 u II-1407, punt 45; Herrero Romeu vs Il-Kummissjoni, T-298/02, Ġabra p. II-4599 u ĠabraFP p. I-A-295 u II-1349, punt 41, kif ukoll De Bustamante Tello vs Il-Kunsill, T-368/03, ĠabraFP p. I-A-321 u II-1439, punt 42).

24 Barra minn hekk, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li tirrigwarda l-kundizzjoni prevista f'din id-dispożizzjoni, dwar "xogħol li sar [...] għal organizzaz-

zjoni internazzjonali", rabta ġuridika diretta ma' l-organizzazzjoni internazzjonali in kwistjoni kienet ukoll mitluba (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Marzu 1995, Lo Giudice vs Il-Parlament, T-43/93, ĠabraFP p. I-A-57 u II-189, punt 36, kif ukoll tal-11 ta' Settembru 2002, Nevin vs Il-Kummissjoni, T-127/00, ĠabraFP p. I-A-149 u II-781, punt 51). Ikun inkonsistenti u arbitarju li tintalab tali rabta ġuridika diretta għal parti mill-eċċezzjoni iżda mhux għall-oħra.

25 Il-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tfittex jekk kinitx teżisti rabta ġuridika diretta bejn S. Hosman-Chevalier u r-Repubblika ta' l-Awstrija. F'dan il-każ, ma kienx hemm din ir-rabta, billi l-persuna kkonċernata kienet impjegata, suċċessivament, matul il-perijodu ta' riferiment, mill-VB u mill-OGB.

26 S. Hosman-Chevalier tikkonkludi li l-appell huwa inammissibbli billi ssostni li l-Kummissjoni, fil-fatt, qed tfittex li tikseb mill-Qorti tal-Ġustizzja evalwazzjoni ġdida tal-fatti.

27 Fir-rigward tal-mertu, S. Hosman-Chevalier issostni li, billi stabbilixxiet l-eżistenza ta' rabta ġuridika bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat, mingħajr ma eżiġiet neċessarjament li din ir-rabta tkun diretta, l-approċċ tal-Qorti tal-Prim'Istanza josserva d-dritt Komunitarju.

28 Mill-mument li x-xogħol għal rappreżentanza permanenti bħal dak in kwistjoni jitqies li huma xogħol għal Stat, il-kundizzjoni ta' rabta ġuridika bejn S. Hosman-Chevalier u l-Istat tkun sodisfatta.

29 F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza mhijiex formalistika u l-eżistenza ta' din ir-rabta ma timplikax b'mod strett jew biss, rabta "ġuridika" ta' dipendenza. Din ir-rabta tista' tiġi stabbilita fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull kawża. Għalhekk, f'dan il-każ, billi jirriżulta mill-inkartament li S. Hosman-Chevalier kienet membru mill-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, la kien hemm lok li jittieħdu passi oħra u lanqas li tiġi indikata b'mod espliċitu l-eżistenza ta' rabta ġuridika jew ta' kwalunkwe natura oħra.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fuq l-ammissibbiltà

30 Għandu jiġi mfakkar li, skond l-Artikolu 225(1) KE u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 58 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, jirriżulta li appell jista' jkun ibbażat biss fuq motivi li jikkonċernaw il-ksur ta' regoli ta' dritt, bl-esklużjoni ta' kull evalwazzjoni tal-fatti.

31 Skond dawn id-dispożizzjonijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza hija l-unika li għandha l-kompetenza, minn naħa, li tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali ta' l-osservazzjonijiet tagħha tirriżulta minn dokumenti ta' l-inkartament li jkunu ġew ippreżentati quddiemha, u, min-naħa l-oħra, li tevalwa dawn il-fatti. Billi l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza teżerċita, skond l-Artikolu 225 KE, stħarriġ fuq l-applikazzjoni tal-liġi għal dawn il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li waslet għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 2000, Il-Parlament vs Bieber, C-284/98 P, Ġabra p. I-1527, punt 31, u tas-27 ta' Novembru 2001, Z vs Il-Parlament, C-270/99 P, Ġabra p. I-9197, punt 37).

32 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni ma kkontestatx li S. Hosman-Chevalier kienet membru tal-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija matul il-perijodu ta' riferiment. In sostenn ta' l-appell tagħha, il-Kummissjoni ssostni biss li dan il-fatt ma kienx ta' natura li jippermetti lill-persuna kkonċernata tibbenefika mill-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, peress li mhemmx rabta ġuridika diretta bejnha u r-Repubblika ta' l-Awstrija.

33 Għaldaqstant, għall-kuntrarju ta' dak sostnut minn S. Hosman-Chevalier, l-appell tal-Kummissjoni ma jirrigwardax l-evalwazzjoni tal-fatti iżda l-applikazzjoni ta' din il-liġi. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma minn S. Hosman-Chevalier għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

34 Sabiex tingħata tweġiba għall-motiv imressaq mill-Kummissjoni, għandu jiġi evalwat il-kunċett ta' "xogħol li sar għal Stat ieħor", fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti li jirregolaw l-għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni u li dan il-kunċett jagħmel parti minnu.

35 Għandu jiġi mfakkar li, skond ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni għandu bħala għan li jikkumpensa l-piżijiet u l-iżvantaġġi partikolari li jirriżultaw mill-eżerċizzju permanenti ta' funzjonijiet mal-Komunitajiet għall-uffiċjali li jkunu obbligati jittrasferixxu r-residenza tagħhom mill-pajjiż fejn ikunu domiċiljati għall-pajjiż ta' servizz u li jintegraw f'ambjent ġdid. Il-kunċett ta' espatrijazzjoni jiddependi wkoll mis-sitwazzjoni personali ta' l-uffiċjal, jiġifieri kemm huwa integra fil-post ġdid tiegħu, li jista' jiġi stabbilit, per eżempju, permezz tar-residenza abitwali tiegħu jew permezz ta' l-eżerċizzju preċedenti ta'

attività professjonali prinċipali (ara s-sentenzi ta' l-10 ta' Ottubru 1989, Atala-Palmerini vs Il-Kummissjoni, 201/88, Ġabra p. 3109, punt 9, u tal-15 ta' Settembru 1994, Magdalena Fernández vs Il-Kummissjoni, C-452/93 P, Ġabra p. I-4295, punt 20).

36 L-għoti tal-benefiċċju ta' espatrijazzjoni huwa intiż li jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-uffiċjali li huma totalment integrati fil-komunità tal-pajjiż ta' servizz u dawk li mhumiex.

37 Jirriżulta mit-tieni sentenza tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, li l-leġiżlatur Komunitarju bilfors kellu l-ħsieb li jikkunsidra li jinsab f'sitwazzjoni ta' espatrijazzjoni bħal din uffiċjal li, filwaqt li għex jew wettaq l-okkupazzjoni ewlenija tiegħu ġewwa t-territorju Ewropew ta' l-Istat fejn jinsab il-post fejn huwa impjegat, matul il-ħames snin li jispiċċaw sitt xhur qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, wettaq xogħol għal Stat ieħor jew għal organizzazzjoni internazzjonali.

38 Il-leġiżlatur Komunitarju ppreżuma li t-twettiq ta' dawn is-servizzi għandu bħala konsegwenza ż-żamma ta' rabta speċifika għall-persuna kkonċernata ma' dan l-Istat l-ieħor jew din l-organizzazzjoni internazzjonali, li joħloq ostaklu għall-ħolqien ta' rabta fit-tul mal-pajjiż tas-servizz u għalhekk għall-integrazzjoni suffiċjenti tal-persuna kkonċernata fil-komunità tal-pajjiż tas-servizz (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 1981, Vutera vs Il-Kummissjoni, 1322/79, Ġabra p. 127, punt 8, u De Angelis vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 13).

39 Fil-pajjiż ta' servizz ta' l-uffiċjal ikkonċernat, l-Istati l-oħra huma rrappreżentati mill-ambaxxati jew mill-missjonijiet diplomatiċi kif ukoll mir-rappreżentanzi permanenti fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali, kif jirriżulta mir-regoli tad-dritt internazzjonali konswetudinarju, ikkodifikat, b'mod partikolari mill-Konvenzjoni

ta' Vjenna, tat-18 ta' April 1961, dwar ir-relazzjonijiet diplomatiċi, kif ukoll il-Konvenzjoni ta' Vjenna, ta' l-14 ta' Marzu 1975, dwar ir-Rappreżentanza ta' Stati fir-Relazzjoni tagħhom ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali ta' Karattru Universali.

40 Għaldaqstant, il-kunċett ta' "Stat", imsemmi fit-tieni sentenza tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, jinkludi bilfors ir-rappreżentanza permamenti ta' Stat Membru ma' l-Unjoni Ewropea, fatt li ma ġiex, barra minn hekk, ikkontestat fil-kuntest ta' l-appell.

41 Għaldaqstant, il-persunal ta' tali rappreżentanza permanenti, inkluż il-persunal amministrattiv u tekniku, għandu jitqies, minħabba li huwa parti mill-istruttura ta' din ir-rappreżentanza, fis-servizz ta' l-Istat Membru kkonċernat u, konsegwentement, f'sitwazzjoni ta' "espatrijazzjoni" skond l-Artikolu 4(1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti.

42 F'din il-kawża, hekk kif ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, S. Hosman-Chevalier, għalkemm ma kinitx impjegata mill-amministrazzjoni ċentrali Awstrijaka, kienet membru tal-persunal tar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, kienet suġġetta għall-awtorità ġerarkika ta' l-ambaxxatur tagħha u l-istatus tagħha kien l-istess bħal dak ta' uffiċjali oħra assenjati fl-imsemmija rappreżentanza. Jirriżulta wkoll mis-sentenza kkontestata li bbenefikat, minħabba f'dan, minn privileġġi u immunitajiet differenti, jiġifieri, b'mod partikolari, mill-eżenzjoni mit-taxxi reġjonali fuq l-immobbli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hija għandha titqies li wettqet servizzi għall-Istat Awstrijaku.

43 L-istatus partikolari ta' S. Hosman-Chevalier, hekk kif deskritt fil-punt ta' qabel, kellu bħala riżultat ir-rabta speċifika tagħha mar-Repubblika ta' l-Awstrija. Din ta' l-

aħħar ħolqot, minnha nfisha, ostaklu sabiex hija tidħol f'rabta fit-tul mal-pajjiż tas-servizz u, għaldaqstant, sabiex hija tintegra b'mod suffiċjenti fil-komunità ta' l-imsemmi pajjiż tas-servizz.

44 Għalhekk, fir-rigward tar-*ratio legis* tat-tieni sentenza tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 (1)(a) ta' l-Anness VII tar-Regolamenti, huwa korrett li, fil-punt 42 tas-sentenza kkontestata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat bħala biżżejjed, sabiex tibbenefika għall-benefiċċju ta' espatrijazzjoni, il-fatt li S. Hosman-Chevalier kienet wettqet l-attività professjonali tagħha għar-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika ta' l-Awstrija, indipendentement mill-funzjonijiet partikolari u speċifiċi eżerċitati minnha ġewwa l-imsemmija organizzazzjoni.

45 Għaldaqstant, huwa infondat l-argument tal-Kummissjoni li l-benefiċċju ta' espatrijazzjoni huwa suġġett għall-eżistenza ta' rabta ġuridika diretta bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat in kwistjoni.

46 Barra minn dan, din l-interpretazzjoni timxi ma' l-awtonomija li jgawdu minnha l-Istati Membri fl-organizzazzjoni interna tar-rappreżentanzi permanenti tagħhom. Hekk kif qies l-Avukat Ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa l-Istat Membru li jagħżel l-organizzazzjonijiet maħtura li jagħmlu parti mir-rappreżentanza permanenti kif ukoll l-interessi pubbliċi li d-diversi organi preżenti fi ħdan din ir-Rappreżentazzjoni għandhom jippromwovu fir-relazzjonijiet ma' l-istituzzjonijiet Komunitarji.

47 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi kkonstat li mingħajr ma wettqet żball ta' dritt il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonkludiet, fil-punt 47 tas-sentenza kkontestata, li kien hemm lok li tannulla d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-8 ta' April u tad-29 ta' Ottubru 2003 fejn dawn jiċħdu lil S. Hosman-Chevalier il-benefiċċju ta' espatrijazzjoni.

48 Jirriżulta minn dak kollu li ntqal li l-appell tal-Kummissjoni għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq l-ispejjeż

49 Skond l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura ta' appell skond l-Artikolu 118 ta' l-istess Regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hemm lok li hija tiġi ordnata tbati l-ispejjeż, kif mitluba minn S. Hosman-Chevalier.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Gustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud

2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata tbati l-ispejjeż.

Firem